**29 ta' Marzu, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Charles u Alfred Grima, Ġemma mart Joseph Brownrigg, Carmelina mart il-Maġistrat Dr. Gawdenz Borg, Miriam mart it-Tabib George Vella, Agostina mart Carlo Cini, Angela mart Henry Gauci Borda u l-istess Joseph Brownrigg, Maġistrat Gawdenz Borg, Tabib George Vella, Carlo Cini u Henry Gauci Borda għal kull interess li jista' jkollhom, Maria Angela mart l-assenti Frank Grima bħala mandatarja ta' l-imsemmi assenti Frank Grima, Edward, Gordon u Vanessa, xebba, aħwa Grima Baldacchino u Claude, Simon u Angelica aħwa Grima

*versus*

Michael Spagnol u Joseph Spagnol

**Kompetenza - Materja ta' Ordni Pubbliku - Soprassessjoni**

*Azzjoni għal rimozzjoni ta' bini fejn ingħatat eċċezzjoni ta' titolu tal-konvenuti. It-talba ġiet milqugħa u l-konvenuti mogħtija xahar żmien biex ineħħu l-bini.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata fis-sens illi jekk qamet kwistjoni ta' titolu din kienet tezorbita l-kompetenza tagħha u messha issoprassediet sakemm il-punt jiġi deċiż mill-Qorti kompetenti.*

*Materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha iridu jiġu strettament applikati. Ma tistax tiġi deċiza fuq bażi ta' ekwita' jew konvenjenza.*

Il-Qorti:-

L-atturi qed jitolbu lill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati biex tikkundanna lill-konvenuti appellanti, biex fi żmien qasir u perentorju, li jiġi lilhom iffissat, jiżgombraw mill-kamra li bnew u jokkupaw jew min minnhom, u li jiddetjenu mingħajr ebda titolu validu fil-liġi fix-Xatt ta' San Tumas, Marsaskala;

Il-konvenuti, fost eċċezzjonijiet oħrajn, eċċepew:

li l-atturi mhumiex il-leġittimi atturi peress li m'għandhom ebda interess legali u ġuridiku fl-art fejn ġiet mibnija l-kamra, u

konsegwentement, l-atturi appellati riedu jipprovaw li għandhom titolu validu fuq l-art in kwistjoni u allura li l-kamra fuqha mibnija qabel ma jaġixxu biex jiżgombraw lill-appellanti;

Bis-sentenza appellata l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talbiet attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u pprefiġġitilhom żmien xahar biex jiżgombraw mill-kamra;

Dan hu appell ta' faċili spedizzjoni f'kawża li diġa twalet inutilment għal erba' snin quddiem Qorti li kienet manifestament inkompetenti li tibqa' tieħu konjizzjoni tal-meritu wara li ngħataw l-eċċezzjonijiet fuq riportati;

Infatti l-ewwel konsiderazzjoni tas-sentenza appellata ġustament tgħid:

"Illi l-Qorti tal-Maġistrati m'għandha u qatt ma kellha kompetenza sabiex tagħmel indaġini fuq titolu ta' proprjeta` li twassal għal *dikjarazzjoni speċifika illi tizju mhuwiex* propejtarju ta' fond. Din hija kwistjoni li trid tiġi determinata minn Qorti oħra superjuri". Dik il-Qorti kienet messha waqfet hawn u mhux għaddiet biex tkompli tikkunsidra u tiġġudika dak li fuqu hi ma kellhiex kompetenza. Materja ta' kompetenza hi ta' ordni publiku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. *Ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwita`* jew konvenjenza. Kif lanqas setgħet l-Ewwel Qorti tisposta l-oneru ta' prova fuq il-konvenuti appellanti billi tikkunsidra li dawn kienu bilfors jafu li l-art kienet ta' l-atturi u li huma qabdu u

bnew bla permess fuq art li "*dehrilhom li ma kienet tappartjeni* lil ħadd". Una volta l-konvenuti qed jikkontestaw l-interess ġuridiku ta' l-atturi appellati li jaġixxu kien *jispetta lilhom* u kien jeħtiġilhom li jippruvaw tali interess milli jaġixxu ħalli jistabbilixxu t-titolu tagħhom fuq *il-proprjeta`* immobbiljari minnhom reklamata. Eżerċizzju li jrid isir quddiem il-Qorti kompetenti. L-appell għandu jiġi għalhekk milqugħ, anke jekk dan ma jfissirx naturalment illi t-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda fil-meritu. Dan bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 47 (3) tal-Kap. 12;

Stabbilit li l-atturi appellati huma *proprjetarji* tal-fond *de quo*, bil-proċeduri *ad hoc*, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun kompetenti biex tiddeċidi kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ... fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti (artikoli 484 tal-Kap. 12). Hu allura l-każ li l-atturi jingħataw l-opportunita` li jipprovaw it-titolu tagħhom bl-azzjoni approprjata quddiem il-Qorti kompetenti u għal dan il-fini jiġi mpost terminu biex l-azzjoni tiġi dedotta. Sakemm jiġi deċiż dan l-aspett tal-vertenza l-Qorti tal-Maġistrati għandha tissoprassjedi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell biss in kwantu hu dirett biex jiġi ddikjarat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet inkompetenti biex tiddeċidi fuq id-dritt tal-proprjeta` ta' l-atturi fuq l-immobbli meritu tal-kawża fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija u għalhekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tirrimetti l-atti quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex il-kawża tipproċedi skond kif fuq ikkunsidrat;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fuq dan l-inċident għandhom jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.